MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Numru. 539/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**Jason Tabone ta’ 25 sena, iben Ernest u Rose nee` Cini, imwieled Australia nhar is-07.03.1986 u residenti no. 29, Triq Masrija, Melliha, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 499993(M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Jason Tabone li gie:

1. Akkuzat talli gewwa l-Mellieha, f’xi hin fil-lejl ta’ bejn it-30 u 31 ta’ Marzu 2011, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara fuq vettura ta’ l-ghamla Fiat Tempra

bin-numru ta' registrazzjoni CAG-843, liema hsara teccedi 116.47 euro izda li ma teccedix l,164.69 euro u dan ghad-dannu ta' Adel Ferrito u/jew persuni ohra;

2. Akkuzat talli gewwa l-Mellieha, ghal-habta tas-2.15 ta' filghodu ta' nhar l-10 ta' Frar 2011, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara fuq il-bieb tar-residenza no. 191, Triq is-Saghtar, Mellieha liema hsara teccedi 23.29 euro izda li ma teccedix 116.47 euro,u dan ghad-dannu ta' Liliana Borg u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsdra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfornt tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali tal-imputat kwazi nadifa u l-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghall-akkadut.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu liberta taht kondizzjoni.

Inoltre l-Qorti wara li rat l-artikoli 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lil hati ihallas l-ammont ta’ hamsa u tmenin euro (€85) lil Liliana Borg u l-ammont ta’ mitejn u sebghin euro (€270) lil Adel Ferrito  u dan fi zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lil hati that penali ta’ hames mitt euro (€500) li ma jimmolestax lil Adel Ferrito u lil Louisiana Bartlolo u dan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------